Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu
Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2023/0448(COD)

16.4.2025

EMENDI
2876 - 3101

Abbozz ta' rapport
Tilly Metz, Daniel Buda
(PE770.070v01-00)

Proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005

Proposta għal regolament
(COM(2023)0770 – C9-0446/2023 – 2023/0448(COD))

Emenda 2876
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.3. Il-kumditá termali għandha tiġi pprovduta kif ġej:	***imħassar***
(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, il-fniek u l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi bi protezzjoni kontra t-tiksiħ tar-riħ.	
(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas 15°C.	

Or. it

Emenda 2877
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.3. Il-kumditá termali għandha tiġi pprovduta kif ġej:	***imħassar***
(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, il-fniek u l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi	

bi protezzjoni kontra t-tiksiħ tar-riħ.

(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas 15°C.

Or. en

Emenda 2878
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.3. Il-kumditá termali għandha tiġi pprovduta kif ġej:	***imħassar***
(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, il-fniek u l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi bi protezzjoni kontra t-tiksiħ tar-riħ.	
(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas 15°C.	

Or. en

Emenda 2879
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.3. Il-kumdità termali għandha tiġi pprovduta ***kif ġej:***	2.3. Il-kumdità termali għandha tiġi pprovduta ***permezz tal-installazzjoni ta' sistema interna ta' regolazzjoni tat-temperatura u tal-umdità, għall-vetturi li ma għandhomx waħda diġà, li tkun kapaċi taħdem tul il-vjaġġ kollu u li tippermetti li t-temperatura u l-umdità interni jiġu aġġustati skont il-ħtiġijiet tal-ispeċi ttrasportata.***

Or. fr

Emenda 2880
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.3. Il-kumdità termali ***għandha*** tiġi pprovduta ***kif ġej:***	2.3. Il-kumdità termali ***trid*** tiġi pprovduta ***billi l-kundizzjonijiet ambjentali u t-tagħmir tat-trakkijiet jiġu adattati għall-kundizzjonijiet klimatiċi.***

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Il-vetturi maħsuba għat-tjur diġà huma mgħammra tajjeb biex jiffaċċjaw il-problemi tat-temperatura li huma dejjem preżenti.

Emenda 2881
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2.3. ***Il-kumditá termali għandha tiġi pprovduta kif ġej:***	2.3. ***Il-vetturi għandhom jipproteġu l-annimali minn temp ħażin, temperaturi estremi u tibdil negattiv fil-kundizzjonijiet klimatiċi.***

Or. en

Emenda 2882
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, il-fniek u l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi bi protezzjoni kontra t-tiksiħ tar-riħ;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 2883
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, il-fniek u l-għasafar domestiċi	***imħassar***

għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi bi protezzjoni kontra t-tiksiħ tar-riħ.

Or. en

Emenda 2884
Stanislav Stoyanov

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, il-fniek u l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi bi protezzjoni kontra t-tiksiħ tar-riħ***.	(a) ***billi l-kundizzjonijiet ambjentali u t-tagħmir tat-trakkijiet jiġu aġġustati għall-kundizzjonijiet klimatiċi***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-trasport fi trakkijiet mgħammrin bl-arja kondizzjonata ma għandux jirreferi għat-tbassir iżda pjuttost għat-temperatura fil-vetturi.

Emenda 2885
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, il-fniek u l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu***	(a) ***il-vetturi għandhom jipproteġu l-annimali minn temp ħażin, temperaturi estremi u tibdil negattiv fil-kundizzjonijiet klimatiċi***.

għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi bi protezzjoni kontra t-tiksiħ tar-riħ.

Or. en

Emenda 2886
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, ***il-fniek u*** l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi ***bi protezzjoni*** kontra t-tiksiħ tar-riħ.	(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi ***protetti*** kontra t-tiksiħ tar-riħ. ***Fil-każ ta' flieles fi tmiem il-perjodu li jbidu għall-ispeċijiet tat-tjur domestiċi, għandu jiġi żgurat li t-temperatura interna tal-vettura tkun mill-inqas 15 C.***

Or. en

Emenda 2887
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, il-fniek u l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ***għandhom jiġu*** ttrasportati ***biss f'vetturi bi protezzjoni***	(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq***, matul il-vjaġġ kollu,*** u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C ***jew aktar minn 25 C***, il-fniek u l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ***ma għandhomx***

kontra t-tiksiħ tar-riħ.

jiġu ttrasportati.

Or. en

Emenda 2888
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, ***il-fniek u*** l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi bi protezzjoni kontra t-tiksiħ tar-riħ.	(a) meta t-temperatura prevista fil-post tat-tluq u fil-post tad-destinazzjoni fil-ħin li l-annimali jkunu mistennija li jkunu f'dawk il-postijiet tkun anqas minn 10°C, il-fniek u l-għasafar domestiċi għajr it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu għandhom jiġu ttrasportati biss f'vetturi bi protezzjoni kontra t-tiksiħ tar-riħ.

Or. es

Ġustifikazzjoni

Il-fniek għandhom reżistenza akbar għall-ksieħ minħabba l-pil tagħhom, speċjalment meta jsibu ruħhom f'densitajiet adegwati biex jippreżervaw is-sħana ta' ġisimhom. Hemm nuqqas ta' informazzjoni xjentifika dwar dan is-suġġett, fil-każ tal-fniek.

Emenda 2889
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Maria Walsh, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a a) Il-vetturi għandhom jipproteġu l-annimali minn temp ħażin, temperaturi estremi u tibdil negattiv fil-kundizzjonijiet klimatiċi.

Or. en

Emenda 2890
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas 15°C.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 2891
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas 15°C.	***imħassar***

Or. es

Emenda 2892
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu	***imħassar***

ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas 15°C.

Or. en

Emenda 2893
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas 15°C.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2894
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas 15°C.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2895
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas 15°C.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2896
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas ***15°C***.	(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa l-vetturi ta' mill-anqas ***bejn 18°C u 25°C***.

Or. en

Emenda 2897
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa ***l-vetturi*** ta' mill-anqas 15°C.	(b) it-tiġieġ fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk ma jkunux jistgħu jiġu żgurati temperaturi ġewwa ***l-vettura*** ta' mill-anqas ***bejn*** 15°C ***u 30 C***.

Or. en

Emenda 2898
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Il-flieles fi tmiem il-perjodu li jbidu ma għandhomx jiġu ttrasportati jekk it-temperaturi ġewwa l-vetturi u meta jiġu ttrasportati bl-ajru ma jkunux jistgħu jinżammu bejn 30-35°C

Or. en

Emenda 2899
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) għall-flieles fi tmiem il-perjodu li jbidu, it-temperatura ġewwa l-kompartiment tal-annimali tkun bejn 30 u 35 C.

Or. en

Emenda 2900
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 2 – punt 2.3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2.3 a. It-temperatura, l-umdità u l-livelli tal-ammonijaka fil-kontenituri għandhom

jiġu mmonitorjati kontinwament permezz ta' tagħmir ta' kontroll qrib l-annimali f'postijiet differenti fil-vettura, inklużi ż-żoni ta' quddiem in-naħa ta' fuq u dawk ċentrali, u għandhom jiġu rreġistrati.

Or. en

Emenda 2901
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Klieb u qtates	***imħassar***
3.1. Klieb u qtates adulti li jkunu qed jiġu ttrasportati għandhom jiġu mitmugħa f'intervalli ta' mhux aktar minn 24 siegħa. Il-ġriewi u l-frieħ tal-qtates sal-età ta' 6 xhur għandhom jiġu mitmugħa f'intervalli ta' mhux aktar minn 8 sigħat. L-ilma għandu jkun disponibbli ad libitum jew f'intervalli ta' mhux aktar minn 4 sigħat.	
3.2. Għandu jkun hemm struzzjonijiet bil-miktub b'lingwa li l-attendent jifhem dwar l-għalf u l-ilma disponibbli abbord.	
3.3. It-temperaturi għandhom jiġu adattati f'każ ta' trasport ta' razez jew tipi brakjoċefaliċi u ta' klieb u qtates bil-pil estrem, bħal fil-każ ta' razez b'ħafna suf ta' taħt iż-żaqq u razez mhux miksija bis-suf.	

Or. fr

Emenda 2902
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 3 – punt 3.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.1. Klieb u qtates adulti li jkunu qed jiġu ttrasportati għandhom jiġu mitmugħa f'intervalli ta' mhux aktar minn ***24*** siegħa. Il-ġriewi u l-frieħ tal-qtates sal-età ta' 6 xhur għandhom jiġu mitmugħa f'intervalli ta' mhux aktar minn 8 sigħat. L-ilma għandu jkun disponibbli ad libitum jew f'intervalli ta' mhux aktar minn 4 sigħat.	3.1. Klieb u qtates adulti li jkunu qed jiġu ttrasportati għandhom jiġu mitmugħa f'intervalli ta' mhux aktar minn ***12-il*** siegħa. Il-ġriewi u l-frieħ tal-qtates sal-età ta' 6 xhur għandhom jiġu mitmugħa f'intervalli ta' mhux aktar minn 8 sigħat. L-ilma għandu jkun disponibbli ad libitum jew f'intervalli ta' mhux aktar minn 4 sigħat.

Or. en

Emenda 2903
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 3 – punt 3.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.1. Klieb u qtates adulti li jkunu qed jiġu ttrasportati għandhom jiġu mitmugħa f'intervalli ta' mhux aktar minn 24 siegħa. Il-ġriewi u l-frieħ tal-qtates sal-età ta' 6 xhur għandhom jiġu mitmugħa f'intervalli ta' mhux aktar minn ***8*** sigħat. L-ilma għandu jkun disponibbli ad libitum jew f'intervalli ta' mhux aktar minn 4 sigħat.	3.1. Klieb u qtates adulti li jkunu qed jiġu ttrasportati għandhom jiġu mitmugħa f'intervalli ta' mhux aktar minn 24 siegħa. Il-ġriewi u l-frieħ tal-qtates sal-età ta' 6 xhur għandhom jiġu mitmugħa f'intervalli ta' mhux aktar minn ***6*** sigħat. L-ilma għandu jkun disponibbli ad libitum jew f'intervalli ta' mhux aktar minn 4 sigħat.

Or. en

Emenda 2904
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 3 – punt 3.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.3. It-temperaturi għandhom jiġu adattati f'każ ta' trasport ta' razez jew tipi ***brakjoċefaliċi*** u ta' klieb u qtates ***bil-pil estrem, bħal fil-każ ta' razez b'ħafna suf ta' taħt iż-żaqq u razez mhux miksija bis-suf***.	3.3. It-temperaturi għandhom jiġu adattati f'każ ta' trasport ta' razez jew tipi u ta' klieb u qtates ***b'karatteristiċi fenotipiċi speċifiċi***.

Or. en

Emenda 2905
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu V – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. 5. Eżenzjonijiet
	Il-ħinijiet tat-trasport fil-punti 1,2,3 u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal estensjoni skont iċ-ċirkostanzi speċjali, inklużi temperaturi estremi, kemm jekk għoljin jew baxxi, filwaqt li jitqiesu l-Artikolu 12, 13 u 14 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006.

Or. en

Emenda 2906
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
VI DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI GĦAL VJAĠĠI TWAL TA' EKWIDI DOMESTIĊI U	DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI GĦAL VJAĠĠI TWAL ***U VJAĠĠI QOSRA LEJN PAJJIŻI TERZI*** TA'

ANNIMALI DOMESTIĊI TA' SPEĊIJIET BOVINI, OVINI, KAPRINI, PORĊINI, QTATES U KLIEB	EKWIDI DOMESTIĊI U ANNIMALI DOMESTIĊI TA' SPEĊIJIET BOVINI, OVINI, KAPRINI, PORĊINI, QTATES U KLIEB

Or. en

Emenda 2907
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
VI DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI GĦAL VJAĠĠI TWAL TA' EKWIDI DOMESTIĊI U ANNIMALI DOMESTIĊI TA' SPEĊIJIET BOVINI, OVINI, KAPRINI***,*** PORĊINI***, QTATES U KLIEB***	DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI GĦAL VJAĠĠI TWAL TA' EKWIDI ***U KAMELIDI*** DOMESTIĊI U ANNIMALI DOMESTIĊI TA' SPEĊIJIET BOVINI, OVINI, KAPRINI ***U*** PORĊINI

Or. fr

Emenda 2908
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-mezzi tat-trasport għandhom ikunu mgħammra b'saqaf ta' kulur ċar ***u*** għandhom ikunu insulati b'mod xieraq.	Il-mezzi tat-trasport għandhom ikunu mgħammra b'saqaf ta' kulur ċar ***u/jew*** għandhom ikunu insulati b'mod xieraq.

Or. fr

Emenda 2909
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi,

Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 3 – punt 3.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.1. Il-mezz tat-trasport għandu jkollu kwantità suffiċjenti ta' għalf xieraq ***sabiex l-annimali ma jurux sinjal ta' ġuħ jew għeja***. L-ikel għandu jkun protett mit-temp u minn kontaminati bħalma huma t-trab, il-fjuwil, il-gassijiet tal-egżost u l-awrina u r-rawt tal-annimali.	3.1. Il-mezz tat-trasport għandu jkollu kwantità suffiċjenti ta' għalf xieraq. L-ikel għandu jkun protett mit-temp u minn kontaminati bħalma huma t-trab, il-fjuwil, il-gassijiet tal-egżost u l-awrina u r-rawt tal-annimali.

Or. en

Emenda 2910
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 3 – punt 3.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.1. Il-mezz tat-trasport għandu jkollu kwantità suffiċjenti ta' għalf xieraq sabiex l-annimali ma jurux sinjal ta' ġuħ jew għeja. L-ikel għandu jkun protett mit-temp u minn kontaminati bħalma huma t-trab, il-fjuwil, il-gassijiet tal-egżost u l-awrina u r-rawt tal-annimali.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 2911
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 3 – punt 3.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.1. Il-mezz tat-trasport għandu jkollu kwantità suffiċjenti ta' għalf xieraq sabiex l-annimali ma jurux sinjal ta' ġuħ jew għeja. L-ikel għandu jkun protett mit-temp u minn kontaminati bħalma huma t-trab, il-fjuwil, il-gassijiet tal-egżost u l-awrina u r-rawt tal-annimali.	3.1. Il-mezz tat-trasport għandu jkollu kwantità suffiċjenti ta' għalf xieraq sabiex l-annimali ma jurux sinjal ta' ġuħ jew għeja. L-ikel għandu jkun protett mit-temp u minn kontaminati bħalma huma t-trab, il-fjuwil, il-gassijiet tal-egżost u l-awrina u r-rawt tal-annimali. ***Meta l-annimali jkunu maħsuba għall-qtil, dawn għandhom jiġu eżentati milli jiġu mitmugħa.***

Or. en

Emenda 2912
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 3 – punt 3.1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3.1 a. Meta l-annimali jkunu maħsuba għall-qtil, dawn għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżit tat-tmigħ.

Or. en

Emenda 2913
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 3 – punt 3.1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3.1 a. Meta l-annimali jkunu maħsuba għall-qtil, dawn għandhom jiġu eżentati milli jiġu mitmugħa.

Or. en

Emenda 2914
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 3 – punt 3.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.2. Meta l-annimali jkollhom bżonn jiġu mitmugħin b'tagħmir speċifiku, dak it-tagħmir ***għandu*** jiġi ttrasportat fil-mezz tat-trasport.	3.2. Meta l-annimali jkollhom bżonn jiġu mitmugħin b'tagħmir speċifiku, dak it-tagħmir ***jista'*** jiġi ttrasportat fil-mezz tat-trasport.

Or. en

Emenda 2915
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 3 – punt 3.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.3. Fejn jintuża tagħmir tal-ikel kif imsemmi fil-punt 3.2., dan ***għandu*** jkun iddisinjat b'tali mod li, jekk meħtieġ, jitwaħħal mal-mezz tat-trasport sabiex jiġi evitat li jinqaleb. Meta l-mezz tat-trasport ikun miexi u meta t-tagħmir ma jkunx qed jintuża, għandu jiġi maħżun separat mill-annimali.	3.3. Fejn jintuża tagħmir tal-ikel kif imsemmi fil-punt 3.2., dan ***jista'*** jkun iddisinjat b'tali mod li, jekk meħtieġ, jitwaħħal mal-mezz tat-trasport sabiex jiġi evitat li jinqaleb. Meta l-mezz tat-trasport ikun miexi u meta t-tagħmir ma jkunx qed jintuża, għandu jiġi maħżun separat mill-annimali.

Or. en

Emenda 2916
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van

Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 3 – punt 3.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3.3. Fejn jintuża tagħmir tal-ikel kif imsemmi fil-punt 3.2., dan ***għandu*** jkun iddisinjat b'tali mod li, jekk meħtieġ, jitwaħħal mal-mezz tat-trasport sabiex jiġi evitat li jinqaleb. Meta l-mezz tat-trasport ikun miexi u meta t-tagħmir ma jkunx qed jintuża, għandu jiġi maħżun separat mill-annimali.	3.3. Fejn jintuża tagħmir tal-ikel kif imsemmi fil-punt 3.2., dan ***jista'*** jkun iddisinjat b'tali mod li, jekk meħtieġ, jitwaħħal mal-mezz tat-trasport sabiex jiġi evitat li jinqaleb. Meta l-mezz tat-trasport ikun miexi u meta t-tagħmir ma jkunx qed jintuża, għandu jiġi maħżun separat mill-annimali.

Or. en

Emenda 2917
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 5 – punt 5.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5.1. Il-mezzi tat-trasport u l-kontenituri għal annimali kbar għandhom jiġu mgħammra bi provvista tal-ilma li tagħmilha possibbli li l-attendent jipprovdi ilma mill-ewwel meta jkun meħtieġ matul il-vjaġġ, sabiex kull annimal ikollu aċċess għall-ilma.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 2918
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 5 – punt 5.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5.1. Il-mezzi tat-trasport u l-kontenituri għal annimali kbar għandhom jiġu mgħammra bi provvista tal-ilma li tagħmilha possibbli li l-attendent jipprovdi ilma mill-ewwel meta jkun meħtieġ matul il-vjaġġ***, sabiex kull annimal ikollu aċċess għall-ilma***.	5.1. ***Dment li dan ma jkunx ta' detriment għall-benesseri tal-annimal ittrasportat, filwaqt li titqies ir-razza u l-livell ta' aggressività tiegħu,*** il-mezzi tat-trasport u l-kontenituri għal annimali kbar għandhom jiġu mgħammra bi provvista tal-ilma li tagħmilha possibbli li l-attendent jipprovdi ilma mill-ewwel meta jkun meħtieġ matul il-vjaġġ.

Or. en

Emenda 2919
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 5 – punt 5.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5.3. ***Il-kapaċità*** totali tat-tankijiet tal-ilma għal kull mezz tat-trasport ***għandha*** tkun mill-inqas daqs 1,5 % tat-tagħbija utli massima tiegħu. It-tankijiet tal-ilma għandhom ikunu ddisinjati sabiex ikunu jistgħu jitbattlu u jitnaddfu wara kull vjaġġ u għandu jkollhom sistema li tippermetti li l-livell tal-ilma tagħhom jiġi ċċekkjat. ***Għandhom ikunu konnessi ma' apparat tax-xorb fil-kompartimenti u miżmuma f'kundizzjoni tajba.***	5.3. ***Huwa rrakkomandat li l-kapaċità*** totali tat-tankijiet tal-ilma għal kull mezz tat-trasport tkun mill-inqas daqs 1,5 % tat-tagħbija utli massima tiegħu. It-tankijiet tal-ilma għandhom ikunu ddisinjati sabiex ikunu jistgħu jitbattlu u jitnaddfu wara kull vjaġġ u għandu jkollhom sistema li tippermetti li l-livell tal-ilma tagħhom jiġi ċċekkjat.

Or. en

Emenda 2920
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 5 – punt 5.3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5.3. Il-kapaċità totali tat-tankijiet tal-ilma għal kull mezz tat-trasport għandha tkun mill-inqas daqs 1,5 % tat-tagħbija utli massima tiegħu. It-tankijiet tal-ilma għandhom ikunu ddisinjati sabiex ikunu jistgħu jitbattlu u jitnaddfu wara kull vjaġġ u għandu jkollhom sistema li tippermetti li l-livell tal-ilma tagħhom jiġi ċċekkjat. Għandhom ikunu konnessi ma' apparat tax-xorb fil-kompartimenti u miżmuma f'kundizzjoni tajba.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 2921
Stefan Köhler, Jens Giesekef, Lena Düpf'ont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Sistemi ta' ventilazzjoni għall-mezzi tat-trasport bit-triq	6. Sistemi ta' ventilazzjoni għall-mezzi tat-trasport bit-triq ***u regolatur tat-temperatura***

Or. de

Emenda 2922
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6.1. Is-sistemi ta' ventilazzjoni fuq il-	6.1. Is-sistemi ta' ventilazzjoni fuq il-

mezzi tat-trasport bit-triq ***għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b'tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi joperaw għal mill-inqas 6 sigħat***.	mezzi tat-trasport bit-triq ***iridu jikkonformaw mal-Artikolu 31 stabbilit f'dan ir-Regolament (UE) 2023/0448(COD)***.

Or. en

Emenda 2923
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6.1. Is-sistemi ta' ventilazzjoni fuq il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b'tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi ***joperaw għal mill-inqas 6 sigħat***.	6.1. Is-sistemi ta' ventilazzjoni fuq il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b'tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi ***jżommu firxa ta' temperaturi minn 5 C u 30 C fil-mezzi tat-trasport, għall-annimali kollha b'tolleranza ta' +/-5° gradi, skont it-temperatura ta' barra filwaqt li jitqiesu l-ispeċijiet, l-età, il-ħtiġijiet fiżjoloġiċi u l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi***.

Or. en

Emenda 2924
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6.1. Is-sistemi ta' ventilazzjoni fuq il-	6.1. Is-sistemi ta' ventilazzjoni fuq il-

mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b'tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi ***joperaw għal mill-inqas 6 sigħat***.	mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b'tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi ***jżommu firxa ta' temperaturi minn 5 C sa 30 C fil-mezzi ta' trasport, għall-annimali kollha, b'tolleranza ta' +/- 5°C, skont it-temperatura ta' barra***.

Or. en

Emenda 2925
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6.1. Is-sistemi ta' ventilazzjoni fuq il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b'tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi ***joperaw għal mill-inqas 6 sigħat***.	6.1. Is-sistemi ta' ventilazzjoni fuq il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b'tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi ***jżommu firxa ta' temperaturi minn 5 C sa 30 C fil-mezzi ta' trasport, għall-annimali kollha, b'tolleranza ta' +/- 5°C, skont it-temperatura ta' barra***.

Or. en

Emenda 2926
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – paragrafu 6.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6.1. Is-sistemi ta’ ventilazzjoni fuq il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b’tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi ***joperaw għal mill-inqas 6 sigħat***.	6.1. Is-sistemi ta’ ventilazzjoni fuq il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b’tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi ***jżommu temperatura interna li tvarja minn 5 °C sa 30 °C, għall-annimali kollha, b’tolleranza awtorizzata ta’ +/- 5 °C skont it-temperatura esterna***.

Or. fr

Emenda 2927
Tilly Metz, Thomas Waitz
f’isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6.1. Is-sistemi ta’ ventilazzjoni fuq il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b’tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi joperaw ***għal mill-inqas 6 sigħat***.	6.1. Is-sistemi ta’ ventilazzjoni ***għandhom ikunu disponibbli*** fuq il-mezzi tat-trasport bit-triq ***u*** għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u miżmuma b’tali mod li, fi kwalunkwe ħin matul il-vjaġġ, kemm jekk il-mezz tat-trasport ikun wieqaf kif ukoll jekk ikun qed jiċċaqlaq, ikunu kapaċi joperaw.

Or. en

Emenda 2928
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6.2. Is-sistema ta' ventilazzjoni għandha tkun kapaċi tiżgura distribuzzjoni uniformi fil-vettura kollha.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2929
Adrian-George Axinia

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6.2. Is-sistema ta' ventilazzjoni għandha tkun kapaċi tiżgura distribuzzjoni uniformi ***fil-vettura kollha***.	6.2. Is-sistema ta' ventilazzjoni għandha tkun kapaċi tiżgura distribuzzjoni uniformi ***kullimkien bi fluss tal-arja minima ta' kapaċità nominali ta' 60 m3/h/KN ta' tagħbija utli. Din għandha tkun kapaċi topera għal mill-inqas 4 sigħat, indipendentement mill-magna tal-vettura***. ***6.3 Il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tat-temperatura kif ukoll b'mezz biex tiġi rreġistrata tali data. Is-sensuri għandhom ikunu ppożizzjonati fil-partijiet tat-trakk li, skont il-karatteristiċi tad-disinn tiegħu, huwa probabbli ħafna li jesperjenzaw l-agħar kundizzjonijiet klimatiċi. Ir-reġistrazzjonijiet tat-temperatura li jinkisbu b'tali mod għandhom ikunu datati u jsiru disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba.*** ***6.4 Il-mezzi tat-trasport bit-triq iridu jkunu mgħammra b'sistema ta' twissija sabiex tavża lis-sewwieq meta t-temperatura fil-kompartimenti fejn ikunu jinsabu l-annimali tilħaq il-limitu massimu jew minimu.***

Or. en

Emenda 2930
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6.2. Is-sistema ta' ventilazzjoni għandha tkun kapaċi tiżgura distribuzzjoni uniformi fil-vettura kollha.	6.2. Is-sistema ta' ventilazzjoni għandha tkun kapaċi tiżgura distribuzzjoni uniformi fil-vettura kollha ***b'rata minima ta' fluss ta' arja b'kapaċità nominali ta' 60 m3/h/KN ta' tagħbija utli***. ***Din trid tkun kapaċi taħdem għal mill-inqas 4 sigħat, indipendentement mill-magna tal-vettura.***

Or. fr

Emenda 2931
Stefan Köhler, Jens Gieseke, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6.2a. Għall-vjaġġi twal ta' annimali terrestri, eskluż l-klieb u l-qtates, il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' regolatur tat-temperatura u reġistratur tad-data. Għandhom jiġu installati sensuri fil-kompartiment tat-trakkijiet. Ir-rekords tat-temperatura li jinħolqu b'dan il-mod għandhom jiġu datati u ppreżentati lill-awtorità kompetenti fuq talba. 6.4 Ir-rekords skont in-numru 6.3 għandhom jinħażnu fis-sistema ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 24(1). Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24(2), (3) u (5) sa (8) japplikaw kif xieraq.

Or. de

Ġustifikazzjoni

Fil-każ ta' vjaġġi twal ta' annimali terrestri, eskluża l-klieb u l-qtates, jeħtieġ li l-mezzi tat-trasport bit-triq jiġu mgħammra b'sistemi ta' regolatur tat-temperatura, peress li l-emenda proposta għall-Artikolu 31(2) tipprevedi li, f'każ ta' vjaġġi twal, għandha titqies it-temperatura interna. Barra minn hekk, għandu jiġi ffaċilitat it-traċċar f'ħin reali skont ir-regolamenti dwar is-sistemi ta' pożizzjonament kif previst fl-Artikolu 24.

Emenda 2932
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6.2a. Il-mezzi tat-trasport bit-triq iridu jkunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tat-temperatura kif ukoll b'mezz li jirreġistra din id-data. Is-sensuri jeħtiġilhom ikunu jinstabu fil-partijiet tat-trakk li, abbażi tal-karatteristiċi tad-disinn tiegħu, x'aktarx jaqbdu l-agħar kundizzjonijiet klimatiċi. Ir-rekords tat-temperaturi miksuba b'dan il-mod iridu jiġu adattati u magħmula disponibbli għall-awtorità kompetenti fuq talba.

Or. fr

Emenda 2933
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6.2a. Is-sistemi ta' ventilazzjoni fil-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom jiġu ddisinjati, mibnija u miżmuma b'tali mod li matul il-perjodu kollu tat-trasport –

kemm jekk il-mezz ikun miexi kif ukoll jekk ikun wieqaf – tkun tista' jinżamm, skont it-temperatura ta' barra, firxa ta' temperatura bejn 5 °C u 30 °C għal kull annimal li jkun fil-mezz tat-trasport, b'tolleranza ta' kejl ta' ± 5 °C.

Or. de

Emenda 2934
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Alexander Bernhuber, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Anness I – Parti VI – punt 6 – punt 6.2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6.2a. Il-vetturi tat-triq iridu jkunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tat-temperatura. Is-sensuri jridu jitpoġġew fil-partijiet tat-trakk li, skont il-karatteristiċi tad-disinn tiegħu, huwa probabbli ħafna li jesperjenzaw l-ogħla temperaturi f'kundizzjonijiet tat-tagħbija u tal-ħatt.

Or. en

Emenda 2935
Julien Leonardelli, Valérie Deloge, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6.2a. Il-mezzi tat-trasport bit-triq jeħtiġilhom ikunu mgħammra b'sistema ta' twissija li twissi lis-sewwieq meta t-temperatura ġewwa l-vettura tkun għolja jew baxxa wisq.

Or. fr

Ġustifikazzjoni

Huwa sproporzjonat li wieħed jibbaża fuq it-tbassir tat-temperatura esterna biex jimponi l-obbligi ta' dan l-Artikolu, mingħajr ma jitqiesu t-temperatura, il-fluss tal-arja, l-ispeċijiet ittrasportati jew indikaturi oħra ġewwa l-vettura. Għalhekk, minbarra t-tħassir tal-Artikolu 31 tal-proposta, għandhom jiġu introdotti mill-ġdid ir-regoli dwar il-ventilazzjoni u t-temperatura fil-mezzi tat-trasport tar-Regolament 1/2005.

Emenda 2936
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6.2b. Is-sistemi ta' ventilazzjoni għandhom jiżguraw ċirkolazzjoni uniformi tal-arja fil-kompartiment b'rata minima ta' arja ta' 60 m3/siegħa għal kull KN ta' tagħbija utli. Dawn għandhom ikunu kapaċi joperaw għal mill-inqas erba' sigħat b'mod indipendenti mill-magna tal-vettura.

Or. de

Emenda 2937
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6.2 b. Il-mezzi tat-trasport bit-triq jeħtiġilhom ikunu mgħammra b'sistema ta' twissija li twissi lis-sewwieq meta t-temperatura fil-kompartimenti fejn ikunu jinsabu l-annimali tilħaq il-limitu massimu jew minimu.

Or. fr

Emenda 2938
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6.2c. Il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' monitoraġġ tat-temperatura u reġistratur tad-data. Is-sensuri għandhom jiġu installati, skont id-disinn tat-trakkijiet, f'dawk il-postijiet bl-akbar probabilità li jkun hemm kundizzjonijiet klimatiċi estremi. Ir-rekords tat-temperatura li jinħolqu b'dan il-mod għandhom jiġu datati u ppreżentati lill-awtorità kompetenti fuq talba.

Or. de

Emenda 2939
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6.2d. Il-mezzi tat-trasport bit-triq għandhom ikunu mgħammra b'sistema ta' twissija li tinforma lis-sewwieq meta t-temperatura fil-kompartimenti li fihom ikunu jinstabu l-annimali tilħaq il-valur massimu jew minimu permissibbli tagħha.

Or. de

Emenda 2940
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitolu VI – punt 6 – punt 6.2e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6.2e. Sal-31 ta' Lulju 2027, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport, ibbażat fuq opinjoni tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, flimkien ma' abbozz ta' miżuri rilevanti, biex jiġu stabbiliti t-temperaturi massimi u minimi għat-trasport tal-annimali. F'dan il-kuntest, għandhom jitqiesu t-temperaturi li normalment jippersistu f'ċerti reġjuni tal-Komunità li għandhom kundizzjonijiet klimatiċi partikolari. Abbażi ta' dan ir-rapport, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli nazzjonali differenti għat-trasport tal-annimali fit-territorju tagħhom stess, sabiex jiġu riflessi aħjar il-kundizzjonijiet klimatiċi reġjonali.

Or. de

Emenda 2941
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Anness I – Kapitlu VI – punt 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Il-mezzi tat-trasport bit-triq irid ikollhom sistema għall-monitoraġġ tat-temperatura. Is-sensuri jridu jkunu ppożizzjonati fil-partijiet tat-trakk li, skont il-karatteristiċi tad-disinn tiegħu, huwa probabbli ħafna li jimmonitorjaw it-temperaturi fil-kundizzjonijiet tat-tagħbija u tal-ħatt bl-aktar mod preċiż.

Or. en

Emenda 2942
Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Esther Herranz García, Dariusz Joński, Nina Carberry, Elena Nevado del Campo, Sérgio Humberto

Proposta għal regolament
ANNESS I – Kapitolu VII

<table>
<tr><td colspan="3"></td></tr>
<tr><td colspan="3">Test propost mill-Kummissjoni</td></tr>
<tr><td colspan="3">KAPITOLU VII</td></tr>
<tr><td colspan="3">SPAZJU PERMESS GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ, BIL-FERROVIJA JEW BIL-BAĦAR</td></tr>
<tr><td colspan="3">[…]</td></tr>
<tr><td colspan="3">Emenda</td></tr>
<tr><td colspan="3">KAPITOLU VII</td></tr>
<tr><td colspan="3">SPAZJU PERMESS GĦAT-TRASPORT BIT-TRIQ, BIL-FERROVIJA JEW BIL-BAĦAR</td></tr>
<tr><td colspan="3">L-ispazji permessi għall-annimali għandhom jikkonformaw mill-inqas maċ-ċifri li ġejjin:</td></tr>
<tr><td colspan="3">A. Ekwidi domestiċi</td></tr>
<tr><td colspan="3">Trasport bil-ferrovija u bit-triq</td></tr>
<tr><td>Kategorija</td><td>Trasport bil-ferrovija</td><td>Trasport bit-triq</td></tr>
<tr><td>Żwiemel adulti</td><td>1,75 m² (0,7 × 2,5 m) (*)</td><td>1,75 m² (0,7 × 2,5 m)</td></tr>
<tr><td>Żwiemel żgħar (6 xhur — 24 xahar) (għal vjaġġi sa 48 siegħa)</td><td>1,2 m² (0,6 × 2 m)</td><td>1,2 m² (0,6 × 2 m)</td></tr>
<tr><td>Żwiemel żgħar (6 xhur — 24 xahar) (għal vjaġġi sa 48 siegħa)</td><td>2,4 m² (1,2 × 2 m)</td><td>2,4 m² (1,2 × 2 m)</td></tr>
<tr><td>Ponijiet (inqas minn 144 cm)</td><td>1 m² (0,6 × 1,8 m)</td><td>1 m² (0,6 × 1,8 m)</td></tr>
<tr><td>Mħor (0 — 6 xhur)</td><td>1,4 m² (1 × 1,4 m)</td><td>1,4 m² (1 × 1,4 m)</td></tr>
<tr><td></td><td>(*) Il-wisa’ standard li tista’ tintuża tal-vaguni hija 2 sa 2 m.</td><td></td></tr>
<tr><td colspan="3">Dawn iċ-ċifri jistgħu jvarjaw b’massimu ta’ 10 % għal żwiemel u ponijiet adulti u b’massimu ta’ 20 % għal żwiemel żgħar u mħor, u jiddependu mhux biss fuq il-piż u d-daqs taż-żwiemel imma anke fuq il-kundizzjoni fiżika tagħhom, il-kundizzjonijiet</td></tr>
</table>

meterjoloġiċi u l-ħin tal-vjaġġ probabbli.		
Matul vjaġġi twal, l-imħor u ż-żwiemel żgħar għandhom ikunu jistgħu jimteddu		
Trasport bl-ajru		
Id-densità tat-tagħbija taż-żwiemel fir-riwgard tal-erja tal-wiċċ		
0 — 100 kg	***0,42 m²***	
100 — 200 kg	***0,66 m²***	
200 — 300 kg	***0,87 m²***	
300 — 400 kg	***1,04 m²***	
400 — 500 kg	***1,19 m²***	
500 — 600 kg	***1,34 m²***	
600 — 700 kg	***1,51 m²***	
700 — 800 kg	***1,73 m²***	
Trasport bil-baħar		
Piż ħaj f'kg	***m²/annimal***	
200 – 300 kg	***0,90 — 1,175***	
300 — 400 kg	***1,175 — 1,45***	
400 — 500 kg	***1,45 — 1,725***	
500 — 600 kg	***1,725 — 2***	
600 — 700 kg	***2 — 2,25***	
B. Annimali bovini		
Trasport bil-ferrovija u bit-triq		
Kategorija	***Piż approssimattiv (f'kg)***	***Erja f'm²/annimal***
Għoġġiela żgħar	***50***	***0,30 sa 0,40***
Għoġġiela ta' daqs medju	***110***	***0,40 sa 0,70***
Għoġġiela tqal	***200***	***0,70 sa 0,95***
Għoġġiela ta' daqs medju	***325***	***0,95 sa 1,30***
Għoġġiela tqal	***550***	***1,30 sa 1,60***
Għoġġiela tqal ħafna	***> 700***	***> 1,60***
Dawn iċ-ċifri jistgħu jvarjaw, u jiddependu mhux biss fuq il-piż u d-daqs tal-annimali imma wkoll fuq il-kundizzjoni fiżika, il-kundizzjonijiet meterjoloġiċi u l-ħin tal-vjaġġ probabbli.		
Trasport bl-ajru		

Kategorija	*Piż approssimattiv (f'kg)*	*Erja f'm²/annimal*
Għoġġiela	*50*	*0,23*
	70	*0,28*
Frat	*300*	*0,84*
	500	*1,27*

Trasport bil-baħar	
Piż ħaj f'kg	*m²/annimal*
200 — 300	*0,81 — 1,0575*
300 — 400	*1,0575 — 1,305*
400 — 500	*1,305 — 1,5525*
500 — 600	*1,5525 — 1,8*
600 — 700	*1,8 — 2,025*

C. Nagħaġ/mogħoż

Trasport bil-ferrovija u bit-triq

Nagħaġ

Kategorija	*Piż (kg)*	*Erja (m²/annimal)*
Nagħaġ imqaxra	*< 55*	*0,20 sa 0,30*
	> 55	*> 0,30*
Nagħaġ mhux imqaxra	*< 55*	*0,30 sa 0,40*
	> 55	*> 0,40*
Nagħaġ fl-aħħar stadju tat-tqala	*< 55*	*0,40 sa 0,50*
	> 55	*> 0,50*

Mogħoż

Kategorija	*Piż (kg)*	*Erja (m²/annimal)*
Mogħoż	*< 35*	*0,20 sa 0,30*
	35 sa 55	*0,30 sa 0,40*
	> 55	*0,40 sa 0,75*
Mogħoż fl-aħħar stadju tat-tqala	*< 55*	*0,40 sa 0,50*
	> 55	*> 0,50*

Għat-trasport bit-triq u bil-ferrovija għan-nagħaġ u l-mogħoż, l-erja tal-wiċċ indikata hawn fuq tista' tvarja skont ir-razza, id-daqs, il-kundizzjoni fiżika u t-tul tas-suf tal-annimali, kif ukoll skont il-kundizzjonijiet meterjoloġiċi u l-ħin tal-vjaġġ.

Għat-trasport bit-triq li jikkonċerna n-nagħaġ, bħala indikazzjoni, għall-ħrief żgħar,

tista' tiġi pprovduta erja ta' inqas minn 0,2 m2 għal kull annimal.	
Trasport bl-ajru	
Id-densità tat-tagħbija għan-nagħaġ u l-mogħoż fir-riwgard tal-erja tal-wiċċ	
Piż medju (kg)	***Erja tal-wiċċ għal kull nagħġa/mogħża (m^2)***
25	***0,2***
50	***0,3***
75	***0,4***
